MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 385/2008

**Saviour (ID 867447M) , Alfred (ID 507130M) u Maria (ID 569234M) xebba, ilkoll ahwa Zammit**
**Vs**
**Joseph Bartolo u Mary Bartolo**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-atturi fit-18 ta’ April, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremettew :

Illi l-attur Saviour Zammit (ID 867447M) jikkonferma bil-gurament is-segwenti fatti li jafhom personalment :

Illi l-atturi kienu jikru l-fond numru tmienja u erbghin (48), Triq il-Kbira Gudja, lil Saveria armla minn Fedele Bartolo bhala d-dar ta' residenza taghha;

Illi l-imsemmija Saveria Bartolo mietet fit-22 ta' April 2007 (Dok 'A') u peress li kienet tghix wahedha, il-lokazzjoni tal-fond fuq imsemmi spiccat;
Illi l-imsemmija Saveria Bartolo kellha tlett itfal u cioe Mario Bartolo, Saviour Bartolo u l-konvenut Joseph Bartolo;

Illi meta l-imsemmija tfal gew interpellati sabiex jikkonsenjaw lura c-cwievet u l-pussess vakanti tal-fond, Mario Bartolo u Saviour Bartolo ddikjaraw permezz ta' skrittura privata datata 5 ta' Settembru 2007 (Dok B) li huma ma kellhom ebda pretensjoni fuq il-fond u li c-cwievet tieghu ma kienux fil-pussess taghhom;

Illi l-atturi saru jafu li c-cwievet u pussess tal-fond jinsabu f' idejn il-konvenuti Joseph Bartolo u martu Mary Bartolo li sallum baqaw ma rritornawx ic-cwievet lill-atturi;

Illi fil-fehma tal-esponenti, l-istess konvenuti ma jista jkollhom ebda eccezzjoni jew difiza kontra t-talba tal-atturi ghall-izgumbrament taghhom;

RAGUNI TAT-TALBA

Illi l-atturi kienu jikru lil Saveria Bartolo id-dar tal-abitazzjoni numru tmienja u erbghin (48), Triq il-Kbira, Gudja;

Illi l-imsemmija Saveria Bartolo mietet armla fit-22 ta' April 2007 u kienet tghix wahedha u ghalhekk il-kirja in kwistjoni ntemmet;

Illi ghalhekk il-konvenuti Joseph Bartolo, cioe t-tifel ta' Saveria Bartolo, u martu Mary Bartolo baqghu jzommu c-cwievet u l-pussess tal-fond fuq imsemmi minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi l-istess konvenuti, fil-fehma tal-atturi, ma ghandhom ebda eccezzjonijiet x'jistghu jatu kontra t-talbiet tal-atturi;

Talbu ghalhekk lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgombraw mill-fond numru tmienja u erbghin (48), Triq il-Kbira, Gudja, liema fond huma qed jipposjedu abuzivament u minghajr ebda titolu validu tal-ligi;
2. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 (1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Gunju 2007 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat li l-konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet lanqas ma dehret;

Rat li l-konvenut debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi ma deherx, pero’ deher id-difensur tieghu;

Rat id-digriet taghha, moghti seduta stante, li permezz tieghu iddikjarat illi wara illi semghet is-sottomissjonijiet tal-avukat difensur tal-konvenut Joseph Bartolo, l-istess Joseph Bartolo m’ghandux eccezzjonijiet x’jaghti f’din il-kawza u dan wara li semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi <u>tilqa’ t-talbiet attrici</u> kif dedotti fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi zmien xahrejn mil-lum jizgombraw mill-fond numru tmienja u erbghin (48), Triq il-Kbira, Gudja, liema fond huma qed jipposjedu abuzivament u minghajr ebda titolu validu tal-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------